MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2015

Numru 355/2015

Illum 19 ta' Mejju, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imsemmi Valerii Lysenko, detentur tal-karta tal-Identita' Maltija bin-numru 129199A, akkuzat talli:

1. fl-1 ta' April, 2015 ghal-habta tal-11.15 ta' filghaxija, fi Triq il-Pijunieri San Pawl il-Bahar, bil-hsieb li jikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Alexander Briffa permezz ta' strument li jaqta jew iniggez, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, bi ksur tal-Artikoli 41, 216, 217 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;
2. fl-istess data,post, hin u cirkostanza, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Alexander Briffa f'periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-

sahha liema hsara hija ta' natura hafifa, liema offiza giet maghmula b'arma rregolari hekk kif ccertifikat minn Dr Daphne Gatt MD, bi ksur tal-Artikoli 214 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

3. fid-data u l-post imsemmi qabel, bl-imgieba tieghu ikkaguna lill-Alexander Briffa, biza li ser tintuza vjolenza kontrieh, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu ser tikkagunalu biza u dan bi ksur tal-Artikoli 251B tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;
4. fid-data u l-post imsemmi qabel, kiser il-bon ordni u l-paci pubblika, bi ksur tal-Artikoli 338(dd) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;
5. fid-data u l-post imsemmi qabel, f'lok pubbliku jew miftuh ghal pubbliku kien fi stat ta' sakra b'mod li ma steghax jiehu hsieb tieghu nnifsu u dan bi ksur tal-Artikoli 338(ff) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba ukoll li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil imsemmi Alexander Briffa.

Rat l-atti  tal-process;

Rat illi fis-seduta tal-llum 19 ta' Mejju, 2015 l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba tieghu.

Rat l-artikoli 41, 214, 216, 217, 251B, 338(dd), 338(ff) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In vista tal-ammissjoni, ssib lil imputat hati tal-akkuzi kif dedotti u wara li rat l-artikolu 7 tal-Kap 446, tikkundanna lill-imputat ghal-perjodu ta' tlett sinn probation.

Il-Qorti spjegat fi kliem car il-portata ta' din l-ordni lill-hati.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien mal-Ordni ta' Probation tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation u l-Parole.

Tordna wkoll illi din is-sentenza flimkien mal-atti kollha tal-kaz jintbghatu lil Avukat Generali ai termini tal-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------